MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Numru. 312/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Jessica Grima**

**vs**

**MV**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat MV gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer, fil-Mellieha nhar l-20 ta’ Marzu, 2012, bejn il-hdax ta’ filghodu u s-saghtejn ta’ wara nofsinhar :-

1. Permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika hedded li ghamel xi reat, bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi

gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel li haddiehor biex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama li dik il-persuna jew xi persuna ohra, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara lili AF u AMD, akkuzahom quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dawn huma innocenti;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra AF u AMD;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra AF u AMD, sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din AF, AMD, jew lil haddiehor;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil AF u AMD, ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kien pprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Marzu 2012 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar

solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li ghandu fedina penali relattivament netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 399, 101,339(1)(b)(d) u (e) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Probation ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412D l-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Trattament ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum skond il-kunidizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta’ isem il-vittmi AF u AMD u tal-imputat MV fi kwalunkwe mezz ta komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------